MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 211/2003

**Forestals (Appliances) Ltd.**

**vs**

**Stars & Fans Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn erbgha u sebghin Liri Maltin u sittax –il centezmu (Lm1,274.16), rapprezentanti import ta' sitt (6) kambjali mahruga mis-socjeta' attrici fil-31 ta' Lulju 2002, liema kambjali skadew fis-7 t'Awissu 2002, fis-7 ta' Settembru 2002, fis-7 t'Ottubru 2002, fis-7 ta' Novembru 2002, fis-7 ta' Dicembru 2002 u fis-7 ta' Jannar 2003, rispettivament.

Bl-ispejjes legali u gudizzjarji u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjali sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u erbgha u sebghin Liri Maltin u sittax –il centezmu (Lm1,274.16), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------